Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 30 ta' Awwissu 2023**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0170(NLE)**

**10136/1/23**
**REV 1**

**JUSTCIV 81**
**JAI 772**
**FREMP 174**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 281 final/2 |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Istati Membri biex isiru jew jibqgħu partijiet, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, għall-Konvenzjoni tat-13 ta’ Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 281 final/2.

---

Mehmuż: COM(2023) 281 final/2

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.7.2023
COM(2023) 281 final/2

2023/0170 (NLE)

This document corrects COM(2023)281
Concerns all language versions
The error concerns the replacement of the expression ‘opinion’ of the European Parliament by 'consent' of the European Parliament in the third citation of the draft Council Decision.
The text shall read as follows:

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tawtorizza lill-Istati Membri biex isiru jew jibqgħu partijiet, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, għall-Konvenzjoni tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti**

{SWD(2023) 155 final} - {SWD(2023) 156 final} - {SEC(2023) 208 final}

MT MT

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-UE għandha l-għan li toħloq, iżżomm u tiżviluppa spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja li fih jiġi żgurat il-moviment liberu tal-persuni, l-aċċess għall-ġustizzja u r-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali.

Dan l-għan għandu jinkludi wkoll il-protezzjoni transfruntiera ta’ adulti li, minħabba indeboliment jew insuffiċjenza tal-fakultajiet personali tagħhom, ma jkunux jistgħu jipproteġu l-interessi tagħhom (“adulti”). Adult huwa persuna li għalqet 18-il sena.

L-għadd ta’ adulti f’sitwazzjonijiet bħal dawn fl-UE qiegħed kulma jmur jiżdied minħabba t-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-inċidenza assoċjata ta’ mard relatat mal-età, u l-għadd dejjem jikber ta’ persuni b’diżabilità. Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru fejn jgħixu, jistgħu jkunu taħt miżura ta’ protezzjoni meħuda minn qorti jew minn awtorità amministrattiva, jew jistgħu jkunu appoġġati minn parti terza li jkunu appuntaw minn qabel (permezz tas-setgħat ta’ rappreżentanza) għall-ġestjoni tal-interessi tagħhom.

L-adulti jista’ jkollhom bżonn ta’ ġestjoni tal-assi jew tal-proprjetà immobbli tagħhom f’pajjiż ieħor, jissottoponu ruħhom għal kura medika ta’ emerġenza jew ippjanata barra mill-pajjiż, jew jirrilokaw f’pajjiż ieħor għal diversi raġunijiet.

F’dawk is-sitwazzjonijiet transfruntiera, l-adulti jkollhom iħabbtu wiċċhom mar-regoli kumplessi u xi drabi kunfliġġenti tal-Istati Membri. Dawn jinkludu d-deċiżjoni dwar liema qorti jew awtorità oħra kompetenti biex tieħu miżuri ta’ protezzjoni għandha ġuriżdizzjoni, liema liġi tapplika għall-każ tagħhom, u kif tirrikonoxxi jew tagħti effett lil deċiżjoni meħuda jew lis-setgħat ta’ rappreżentanza stabbiliti barra mill-pajjiż. Dan iwassal għal sitwazzjonijiet li fihom l-adulti, il-familji tagħhom u r-rappreżentanti tagħhom jesperjenzaw inċertezza legali sinifikanti fir-rigward ta’ liema regoli japplikaw għall-każ tagħhom u dwar l-eżitu tal-proċeduri u l-formalitajiet li jkun hemm bżonn iwettqu. Sabiex jiġi żgurat li l-protezzjoni tagħhom tibqa’ effettiva bejn il-fruntieri jew li jkollhom aċċess għad-drittijiet tagħhom barra mill-pajjiż, spiss ikollhom jgħaddu minn proċedimenti twal u li jiswew il-flus. F’xi każijiet, il-protezzjoni tagħhom u s-setgħat fdati lir-rappreżentant tagħhom fl-aħħar mill-aħħar ma jiġux rikonoxxuti, la mill-qrati u lanqas minn atturi mhux ġudizzjarji bħall-banek, il-persunal mediku jew l-aġenti tal-proprjetà immobbli.

Fit-13 ta’ Jannar 2000, taħt l-awspiċji tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (HCCH, the Hague Conference on Private International Law), l-organizzazzjoni intergovernattiva li l-iskop tagħha huwa li “taħdem għall-unifikazzjoni progressiva tar-regoli tad-dritt internazzjonali privat”[1], ġiet adottata l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti (il-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti). Din il-Konvenzjoni tipprovdi korp komprensiv ta’ regoli dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-miżuri protettivi, u dispożizzjonijiet dwar il-liġi applikabbli għas-setgħat ta’ rappreżentanza li jagħtu effett lil tali setgħat f’kuntest transfruntiera. Tistabbilixxi wkoll mekkaniżmi ta’ kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti u bejn l-Awtoritajiet Ċentrali tal-Istati Kontraenti.

Din il-Konvenzjoni hija ġeneralment meqjusa bħala strument tad-dritt internazzjonali privat effiċjenti u flessibbli li huwa adegwat għall-użu tiegħu fil-livell globali. Il-ħidma reċenti

[1] L-Artikolu 1 tal-Istatut tal-Konferenza tal-Aja.

MT



MT

mwettqa taħt il-Kummissjoni Speċjali dwar l-operat prattiku tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti[2] dalwaqt se tipprovdi lill-prattikanti b'għodod utli għall-applikazzjoni kif suppost tagħha, bħall-Manwal Prattiku.

Madankollu, 12-il Stat Membru tal-UE biss huma attwalment parti għal dik il-Konvenzjoni[3]. Ir-ratifika tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti u l-adeżjoni magħha huwa objettiv tal-UE li ilu stabbilit sew.

Sa mill-2008, il-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti ġiet approvata b'mod espliċitu mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea[4], mill-Parlament Ewropew[5] u mill-Kummissjoni Ewropea[6]. Ratifika wiesgħa tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti mill-Istati Membri, u lil hinn minnha, hija essenzjali sabiex titħaddem b'mod effettiv. Il-Parlament appoġġa b'mod attiv ir-ratifika tal-Konvenzjoni mill-Istati Membri kollha, kif ukoll inizjattiva leġiżlattiva possibbli tal-UE biex tikkomplementa l-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti.

Mill-5 sat-8 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni u l-HCCH organizzaw konferenza konġunta internazzjonali biex jippromwovu r-ratifika tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti u jeżaminaw in-nuqqasijiet possibbli li jkunu jeħtieġu azzjoni ulterjuri[7].

---

2 https://www.hcch.net/en/news-archive/details/?varevent=884

3 Il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Franza, Ċipru, il-Latvja, Malta, l-Awstrija, il-Portugall u l-Finlandja.

4 Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill "Protezzjoni Legali għal Adulti Vulnerabbli" (14667/08 (Presse 299), 24.X.2008), il-Kunsill stieden lill-Istati Membri li ma kinux għadhom ħadu azzjoni biex "*jibdew malajr kemm jista' jkun jew isegwu attivament il-proċeduri tal-iffirmar u/jew ir-ratifika*" tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti u stieden lill-Istati Membri "*li għadhom fil-proċess ta' konsultazzjoni interna [dwar is-sħubija mal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti] biex jikkonkludu dawn il-konsultazzjonijiet fl-iqsar żmien possibbli*". Barra minn hekk, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il- "Il-Programm ta' Stokkolma – Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini", adottati fl-2009, il-Kunsill Ewropew esprima x-xewqa li l-Istati Membri jissieħbu mal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti "*mill-aktar fis possibbli*".

5 Ara "Il-protezzjoni legali tal-adulti: implikazzjonijiet transkonfinali" (P6_TA(2008)0638), ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2008 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-protezzjoni legali tal-adulti: implikazzjonijiet transkonfinali (2008/2123(INI)) (2010/C 45 E/13). Fil-paragrafi 1–4, ir-riżoluzzjoni appellat għar-ratifika tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti mill-Istati Membri u talbet li l-Kummissjoni tagħmel proposta leġiżlattiva dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, biex tiġbor fil-qosor il-kwistjonijiet operazzjonali u l-aqwa prattiki fir-rigward tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti, u biex tivvaluta l-adeżjoni possibbli tal-Komunità Ewropea kollha kemm hi mal-Konvenzjoni. Ta' min wieħed jinnota li r-Riżoluzzjoni tal-Parlament tal-2008 talbet lill-Kummissjoni tippreżenta proposta *"hekk kif tinkiseb esperjenza biżżejjed dwar l-operat tal-Konvenzjoni tal-Aja"*. Fl-1 ta' Ġunju 2017 ġiet adottata Riżoluzzjoni ulterjuri mill-Parlament Ewropew li tappella lill-Istati Membri biex jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti u biex jippromwovu l-awtodeterminazzjoni tal-adulti billi jintroduċu fil-liġi nazzjonali tagħhom leġiżlazzjoni dwar mandati ta' inkapaċità.

6 Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni - Il-kisba ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għaċ-ċittadini tal-Ewropa Pjan ta' Azzjoni li Jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma, Brussell, 20.4.2010, KUMM(2010) 171 finali. Il-paragrafu 13 tal-pjan ta' azzjoni tal-2010 għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Stokkolma, taħt it-titolu "Garanzija tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali / Gruppi Vulnerabbli" jirreferi għall-fatt li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jsiru parti għall-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti.

7 Il-Konferenza Konġunta KE-HCCH dwar il-Protezzjoni Transfruntiera tal-Adulti Vulnerabbli, Brussell, 5-7 ta' Diċembru 2018, https://www.hcch.net/en/news-archive/details/?varevent=654.

Fit-3 ta' Mejju 2021, il-Ministri tal-Ġustizzja taċ-Ċekja, ta' Franza u tas-Slovenja kitbu lill-Kummissjoni biex jitolbuha tħaffef il-ħidma preparatorja tagħha rigward inizjattiva leġiżlattiva.

F'Ġunju 2021, ġew adottati konklużjonijiet tal-Kunsill[8] li, fost l-oħrajn, stiednu lill-Istati Membri biex jirratifikaw il-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti malajr kemm jista' jkun u xprunaw lill-Kummissjoni tikkunsidra l-ħtieġa possibbli għal qafas legali fl-UE biex tiġi ffaċilitata ċ-ċirkolazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni u tippreżenta proposti leġislattivi, f'każ ta' bżonn.

Fl-2021–2022, il-Presidenzi tal-Portugall, ta' Franza u taċ-Ċekja organizzaw diversi avvenimenti biex iqajmu kuxjenza dwar din il-kwistjoni.

Minkejja dawn l-attivitajiet, ir-ratifika tal-Konvenzjoni miexja bil-mod wisq. F'xi Stati Membri, l-abbozz ta' liġi li timplimenta r-ratifika ilu pendenti għal snin fil-parlament, jew ma ġiex ippreżentat mill-gvern minkejja l-konklużjoni tal-ħidma preparatorja. Stati Membri oħra qegħdin japplikaw il-Konvenzjoni parzjalment fil-prattika (b'mod partikolari r-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni u l-liġi applikabbli) mingħajr ma jieħdu l-ebda inizjattiva biex jirratifikaw formalment il-Konvenzjoni. Dan jimplika l-appuntar ta' Awtorità Ċentrali sabiex il-kooperazzjoni bejn l-Istati Kontraenti ssir effettiva.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta inizjattiva bl-għan li tawtorizza lil dawk l-Istati Membri li għadhom mhumiex Parti għall-Konvenzjoni biex jirratifikawha jew jaderixxu magħha. Fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2022 issir referenza għal din l-inizjattiva: *Se nipproponu miżuri [...]* ***biex insaħħu l-kooperazzjoni ġudizzjarja dwar il-protezzjoni ta' adulti vulnerabbli f'sitwazzjonijiet transfruntiera****.*

Peress li l-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti hija miftuħa għall-iffirmar u r-ratifika għall-Istati li kienu Membri tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat fit-2 ta' Ottubru 1999[9] (l-Artikolu 53 tal-Konvenzjoni), l-Istati Membri li ġejjin se jkollhom jiffirmaw kif ukoll jirratifikaw il-Konvenzjoni: Il-Bulgarija, Spanja, il-Kroazja, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Iżvezja. Min-naħa l-oħra, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Polonja se jkollhom biss jirratifikaw il-Konvenzjoni peress li diġà ffirmawha. Il-Litwanja se jkollha taderixxi magħha, peress li ilha Membru tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat mit-23 ta' Ottubru 2001.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Bħalissa ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni transfruntiera tal-adulti. Madankollu, din il-proposta hija parti minn pakkett bi proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' miżuri, strumenti awtentiċi u setgħat ta' rappreżentanza u kooperazzjoni fi kwistjonijiet ċivili relatati mal-protezzjoni tal-adulti. Il-proposta tipprevedi l-applikazzjoni fl-Istati Membri ta' wħud mir-regoli tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-

[8] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Protezzjoni ta' Adulti Vulnerabbli madwar l-Unjoni Ewropea (7 ta' Ġunju 2021).

[9] L-Artikolu 53:

(1) Il-Konvenzjoni għandha tinfetaħ għall-iffirmar mill-Istati li kienu Membri tal-Konferenza tal-Aja fuq id-Dritt Internazzjonali Privat meta saret it-Tmintax-il Sessjoni tagħha.

(2) Għandha tiġi ratifikata, aċċettata jew approvata u l-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni għandhom jiġu ddepożitati mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tar-Renju tan-Netherlands, id-depożitarju tal-Konvenzjoni.

Protezzjoni tal-Adulti u tistabbilixxi regoli komplementari biex tiffaċilita kooperazzjoni intra-UE saħansitra eqreb f'dan il-qasam.

Din il-proposta tikkonċerna r-ratifika u l-adeżjoni għal dawk l-Istati Membri li għadhom mhumiex Parti għall-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti, li hija l-uniku strument internazzjonali li jittratta kwistjonijiet tad-dritt internazzjonali privat li jikkonċernaw il-protezzjoni transfruntiera tal-adulti.

Iż-żewġ proposti jikkonċernaw id-dritt internazzjonali privat, qasam ta' politika żviluppat sew fl-UE. Fil-fatt, sa mis-sena 2000, l-UE adottat għadd ta' atti leġiżlattivi fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li għandhom implikazzjonijiet transfruntiera. Madankollu, l-ebda att leġiżlattiv minn dawn ma jirregola l-aspetti transfruntiera tal-kapaċità ġuridika tal-persuni[10] jew il-protezzjoni tal-adulti li, minħabba "indeboliment jew insuffiċjenza tal-fakultajiet personali tagħhom"[11], ma jkunux f'pożizzjoni li jipproteġu l-interessi tagħhom.

Ir-Regolament propost japplika fl-Istati Membri, filwaqt li l-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti tkun applikabbli fir-rigward ta' Stati mhux tal-UE li huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni. Peress li l-adulti fl-UE jista' jkollhom relazzjonijiet fir-rigward kemm tal-Istati Membri kif ukoll ta' Stati mhux tal-UE (pereżempju s-sjieda ta' proprjetà fihom jew li jkollhom rabtiet personali hemmhekk), qafas koerenti tad-dritt internazzjonali privat applikabbli għall-protezzjoni tal-adulti kemm fl-Istati tal-UE kif ukoll f'dawk mhux tal-UE li huma parti għall-Konvenzjoni huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-adulti f'sitwazzjonijiet internazzjonali.

Għaldaqstant, iż-żewġ proposti jikkomplementaw lil xulxin u għal din ir-raġuni huma ppreżentati flimkien.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-UE u l-Istati Membri tagħha huma partijiet għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD), li, mill-adozzjoni tagħha fl-2006, tirrappreżenta l-pedament internazzjonali għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.

L-Artikolu 3(c) tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti fih dispożizzjonijiet li allegatament jiffavorixxu jew jawtorizzaw miżuri ta' teħid ta' deċiżjonijiet sostituttiv (l-aktar minħabba l-użu tat-terminu "tutela, kurazija u istituzzjonijiet analogi"). Tqajmet il-kwistjoni dwar jekk dan jistax jiffavorixxi jew jippermetti r-rikonoxximent ta' miżuri li jistabbilixxu t-teħid ta' deċiżjonijiet sostituttiv minflok it-teħid ta' deċiżjonijiet appoġġat, u jekk dan jiksirx id-dritt għall-awtonomija u l-ugwaljanza tal-adulti.

Il-konsistenza u l-komplementarjetà tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti mad-drittijiet stabbiliti fil-UNCRPD ġew rikonoxxuti f'diversi okkażjonijiet, pereżempju fil-Konklużjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet (Konklużjonijiet 2 u 3) adottati fl-2018 fil-Konferenza Konġunta KE-HCCH imsemmija hawn fuq[12].

---

10 L-unika eċċezzjoni hija regola dwar il-kapaċità tal-persuni fiżiċi fil-kuntest ta' obbligi kuntrattwali transfruntiera fil-materji ċivili u kummerċjali stipulata fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I).

11 L-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti.

12 88f10f24-81ad-42ac-842c-315025679d40.pdf (hcch.net)

Il-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti hija strument tad-dritt internazzjonali privat. Hija newtrali fir-rigward tad-dritt sostantiv, li ma tippreskrivi ebda tip ta' miżura, u fil-preambolu tagħha, tqiegħed l-interess tal-adulti u r-rispett tad-dinjità u tal-awtonomija tagħhom bħala kunsiderazzjonijiet primarji. Billi tiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera u tneħħi l-ostakli legali u prattiċi, tippromwovi wħud mill-objettivi importanti tal-UNCRPD. Fost dawn hemm dawk tal-Artikolu 12 dwar ir-rikonoxximent ugwali quddiem il-liġi u tal-Artikolu 32 dwar il-kooperazzjoni internazzjonali, li għalihom il-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti tistabbilixxi sistema ta' Awtoritajiet Ċentrali.

Barra minn hekk, mhux il-persuni kollha b'diżabilità huma adulti bi bżonn ta' protezzjoni transfruntiera fis-sens tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti, iżda biss dawk li mhumiex f'pożizzjoni li jipproteġu l-interessi personali jew finanzjarji tagħhom. Min-naħa l-oħra, mhux l-adulti kollha li l-fakultajiet psikosoċjali tagħhom huma ridotti huma persuni b'diżabilità.

Ta' min ifakkar ukoll li l-Kumitat tal-UNCRPD, fir-rapport tiegħu tal-2015 dwar l-implimentazzjoni tal-UNCRPD fl-UE, esprima tħassib dwar l-ostakli li jiffaċċjaw il-persuni b'diżabilità meta jiċċaqilqu minn Stat Membru għall-ieħor. Il-Kumitat irrakkomanda li l-UE "tieħu azzjoni immedjata biex tiżgura li l-persuni kollha b'diżabilità u l-familji tagħhom ikunu jistgħu jgawdu d-dritt tagħhom għal-libertà ta' moviment bl-istess mod bħal ħaddieħor"[13].

Ġie kkummissjonat studju legali mir-Rapporteur Speċjali dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità[14], u saret dikjarazzjoni konġunta relatata[15] mir-Rapporteur Speċjali dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u l-Espert Indipendenti dwar it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha minn persuni akbar fl-età. Dawn iċċaraw il-kwistjoni billi kkonkludew li l-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti tħalli biżżejjed marġni għall-interpretazzjoni u t-titjib prattiku, u tista' tevolvi biex tirrifletti l-modernizzazzjoni tal-liġijiet nazzjonali. Ir-Rapporteur Speċjali jfakkar li l-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti fiha dispożizzjonijiet biex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt mal-UNCRPD u li ż-żewġ strumenti jistgħu u għandhom jissupplimentaw lil xulxin. L-UE u l-Istati Membri kollha tagħha għandhom jużaw il-marġni disponibbli għall-interpretazzjoni b'tali mod li jiżguraw il-konformità ma' din il-Konvenzjoni.

Meta japplikaw il-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti, l-Istati Kontraenti li huma wkoll Partijiet għall-UNCRPD huma marbuta li jirrispettaw il-UNCRPD u l-prinċipji stabbiliti fiha. Hija wkoll ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li l-konvenzjonijiet internazzjonali jiffurmaw parti integrali mid-dritt tal-Unjoni u għalhekk l-implimentazzjoni tagħhom ikollha tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità, bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni[16].

F'Marzu 2021, il-Kummissjoni adottat l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2030[17]. Dan jindirizza b'mod partikolari l-kwistjoni tat-"titjib tal-aċċess għall-ġustizzja, il-protezzjoni legali, il-libertà u s-sigurtà" għall-persuni b'diżabilità. Biex jinkiseb dan l-eżitu, fost id-diversi inizjattivi, huwa ddikjarat b'mod espliċitu li "*il-Kummissjoni se taħdem mal-*

---

13 Concluding observations on the initial report of the European Union: Committee on the Rights of Persons with Disabilities, (2015) draft prepared by the Committee.

14 Studju dwar "Interpreting the 2000 Hague Convention on the International Protection of Adults Consistently with the UN Convention on the Rights of Persons with Disabilities (CRPD)".

15 Joint statement by the Special Rapporteur on the rights of persons with disabilities, Gerard Quinn, and the Independent Expert on the enjoyment of all human rights by older persons, Claudia Mahler – Reflections on the Hague Convention (2000) on the International Protection of Adults, 8 ta' Lulju 2021.

16 Ara pereż., id-Digriet tad-9 ta' Novembru 2021, il-Kawża C-255/20, *Agenzia delle dogane e dei monopoli – Ufficio delle Dogane di Gaeta vs Punto Nautica Srl*, il-punt 33, ECLI:EU:C:2021:926.

17 Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2030

*Istati Membri biex timplimenta l-Konvenzjoni ta' The Hague tal-2000 dwar il-protezzjoni internazzjonali tal-adulti vulnerabbli f'konformità mal-UNCRPD inkluż permezz ta' studju dwar il-protezzjoni tal-adulti vulnerabbli f'sitwazzjonijiet transfruntiera, b'mod partikolari dawk b'diżabilità intellettwali, biex twitti t-triq għar-ratifika tagħha mill-Istati Membri kollha"*[18].

L-istudju legali tal-Kummissjoni twettaq fl-2021[19] u, fost l-oħrajn, ikkonkluda li r-ratifika tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti mill-Istati Membri kollha tindirizza wħud mill-problemi marbuta mal-lakuni u l-inkonsistenzi sinifikanti, li jeżistu fil-protezzjoni transfruntiera tal-adulti.

Ladarba din id-Deċiżjoni tiġi adottata mill-Kunsill, il-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti ssir parti mid-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant jista' jiġi interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fid-dawl kemm tal-prinċipji ġenerali tal-UE — is-salvagwardja tal-moviment liberu tal-persuni, l-aċċess għall-ġustizzja, u r-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali — kif ukoll tal-UNCRPD.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta tirrigwarda l-awtorizzazzjoni ta' ċerti Stati Membri biex jirratifikaw konvenzjoni internazzjonali jew jaderixxu magħha fl-interess tal-UE. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-materji ċivili u kummerċjali hija rregolata mill-Artikolu 81 TFUE, li huwa għaldaqstant il-bażi ġuridika tal-kompetenza tal-UE f'dan il-qasam. Għalhekk, il-bażi ġuridika applikabbli hija l-Artikolu 218(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) flimkien mal-bażi ġuridika sostantiva tal-Artikolu 81(2) TFUE.

L-Artikolu 81(3) TFUE ma huwiex applikabbli minħabba li l-protezzjoni transfruntiera tal-adulti ma hijiex materja tal-liġi tal-familja.

It-terminu "liġi tal-familja" fis-sens tal-Artikolu 81(3) TFUE jrid jiġi interpretat b'mod awtonomu irrispettivament mid-definizzjoni prevista fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri.

Sa issa, il-leġiżlazzjoni tal-UE interpretat in-nozzjoni b'mod pjuttost strett u llimitatu għar-regoli li jirregolaw ir-relazzjonijiet familjali, bħall-kwistjonijiet matrimonjali, ir-responsabbiltajiet tal-ġenituri, jew l-obbligi ta' manteniment.

Ma huwiex rari li l-adulti jibbenefikaw mill-protezzjoni provduta mill-membri tal-familja. F'xi Stati Membri, il-protezzjoni legali tal-adulti vulnerabbli hija attribwita *ex lege* lill-konjuġi jew lill-membri tal-familja. Madankollu, il-familja tal-adult, jekk tabilħaqq l-adult ikollu familja, hija biss kuntest wieħed li fih il-protezzjoni tista' tiġi żgurata. L-involviment tal-membri tal-familja ma huwiex rekwiżit neċessarju, u lanqas ma huwa rregolat minn regoli skont id-dritt internazzjonali privat. Minflok, it-tħassib kruċjali b'rabta mal-protezzjoni tal-adulti jirrigwarda l-appoġġ provdut, u l-iżgurar tad-drittijiet tal-adulti għad-dinjità, l-awtodeterminazzjoni, in-nondiskriminazzjoni u l-inklużjoni soċjali, irrispettivament mir-relazzjonijiet familjali tagħhom.

---

[18] Ara l-paragrafu 5.1 tal-Istrateġija.

[19] [Study on the cross-border legal protection of vulnerable adults in the Union, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni(europa.eu)]

Ta' min wieħed jinnota li l-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti ma fiha l-ebda referenza għar-relazzjonijiet familjali (bħal "ġenitur", "tfal" jew "konjuġi"), kuntrarjament għar-Regolamenti tal-UE li jkopru kwistjonijiet tal-liġi tal-familja.

Ir-Regolament propost se jikkomplementa l-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti u se jinkorpora xi regoli tal-Konvenzjoni, b'mod partikolari dawk dwar il-ġuriżdizzjoni internazzjonali u l-liġi applikabbli, u se jagħmilhom direttament applikabbli fl-Istati Membri.

Għalhekk, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-QĠUE, hemm riskju li l-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti jaf taffettwa jew tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament propost.

Il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni jaf jiġi affettwat jew mibdul mill-impenji internazzjonali meta tali impenji jikkonċernaw qasam li huwa diġà kopert fil-biċċa l-kbira minn tali regoli jew fid-dawl ta' żviluppi prevedibbli tad-dritt tal-Unjoni, bħal f'dan il-każ[20].

Għalhekk, il-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 3(2) TFUE.

L-UE tista' tobbliga għalhekk lill-Istati Membri biex jissieħbu fil-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti jew jibqgħu partijiet għaliha.

Peress li l-Istati biss jistgħu jsiru partijiet għall-Konvenzjoni, li ma tinkludix klawżola li tippermetti lill-UE ssir parti, l-Istati Membri jistgħu jirratifikawha jew jaderixxu magħha kif ukoll jibqgħu partijiet li jaġixxu fl-interess tal-Unjoni, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[21].

Diġà ttieħdet inizjattiva simili fl-2008 biex ċerti Stati Membri jiġu awtorizzati jirratifikaw il-Konvenzjoni HCCH tal-1996 dwar il-Protezzjoni tat-Tfal jew jaderixxu magħha[22].

Minħabba l-Protokoll Nru 21, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-miżuri legali adottati fil-qasam tal-ġustizzja la jorbtu lill-Irlanda u lanqas japplikaw fiha. Madankollu, ladarba tiġi ppreżentata proposta f'dan il-qasam, l-Irlanda tista' tinnotifika x-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni tal-miżura u, ladarba l-miżura tiġi adottata, tista' tinnotifika x-xewqa tagħha li taċċetta din il-miżura.

F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

---

20 Ara b'mod partikolari l-Opinjoni 1/13 il-punti 73 u 74 u l-ġurisprudenza ċċitata.

21 L-Opinjoni 1/13 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-punt 44, u l-ġurisprudenza ċċitata.

22 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2008 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jirratifikaw, jew jaderixxu ma', fl-interess tal-Komunità Ewropea, Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal u li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jagħmlu dikjarazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli interni rilevanti tal-liġi Komunitarja, ĠU L 151, 11.6.2008, p. 36.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija abbozzata skont id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li diġà ġew adottati li jawtorizzaw lill-Istati Membri jissieħbu f'konvenzjoni internazzjonali. Ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jintlaħaq l-objettiv ta' azzjoni koerenti tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni transfruntiera tal-adulti billi tiżgura, għall-Istati Membri li għadhom mhumiex Parti għall-Konvenzjoni, li dawn jirratifikaw il-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti jew jaderixxu magħha f'perjodu ta' żmien indikat.

Huwa mifhum ukoll li l-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom fir-rigward tar-regolamentazzjoni tal-adozzjoni tar-regoli skont il-liġi sostantiva li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-adulti.

Għalhekk il-proposta tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Għażla tal-istrument**

Peress li l-proposta tikkonċerna ftehim internazzjonali li għandu jiġi ratifikat u għandha ssir adeżjoni miegħu fl-interess tal-Unjoni minn ċerti Stati Membri, l-uniku strument applikabbli huwa Deċiżjoni tal-Kunsill, skont l-Artikolu 218(6).

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta, flimkien mal-proposta parallela għal Regolament dwar il-kwistjoni, kienet preċeduta minn konsultazzjonijiet intensi u mifruxa mal-partijiet ikkonċernati.

Il-**konsultazzjoni pubblika miftuħa**[23] **u s-sejħa għall-evidenza**[24] twettqu fil-bidu tal-2022. Il-maġġorparti tar-rispondenti, inklużi l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet professjonali li jirrappreżentaw lill-avukati u lin-nutara, appoġġaw inizjattiva tal-UE li tobbliga lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti. Appellaw ukoll għal strument tal-UE li jissupplimenta l-Konvenzjoni. NGO partikolari, organizzazzjoni komprensiva għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, esprimiet tħassib fir-rigward tad-drittijiet fundamentali tal-adulti b'diżabilità, jekk strument tal-UE jkun jiffavorixxi ċ-ċirkolazzjoni ta' deċiżjonijiet meħuda fi ksur tal-UNCRPD u tad-drittijiet fundamentali tal-adulti b'diżabilità. Din hija kwistjoni rikorrenti dwar ir-relazzjoni bejn il-UNCRPD u l-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti, li ġiet indirizzata mill-istudju u d-dikjarazzjoni konġunta msemmija fin-noti 14 u 15 f'qiegħ il-paġna.

Bħala parti mill-istrateġija ta' konsultazzjoni, fid-29 ta' Settembru 2022 ġiet organizzata **laqgħa informali online mal-partijiet ikkonċernati**. Barra minn hekk, fis-27 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni organizzat **laqgħa online ma' esperti mill-Istati Membri** biex tipprovdi informazzjoni fir-rigward tal-inizjattiva dwar il-protezzjoni tal-adulti u biex twettaq skambju tal-fehmiet inizjali.

---

23 https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12965-Kooperazzjoni-gudizzjarja-civili-protezzjoni-mal-UE-kollha-g%C4%A7al-adulti-vulnerabbli_mt

24 https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12965-Civil-judicial-cooperation-EU-wide-protection-for-vulnerable-adults/public-consultation_mt

Fl-aħħar nett, matul il-laqgħa li saret fis-7 u fit-8 ta' Novembru 2022, in-**Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali** (EJN-civil) ġie kkonsultat dwar ir-rwol possibbli tiegħu f'inizjattiva tal-ġejjieni.

Fil-qosor, fl-attivitajiet kollha ta' konsultazzjoni setgħu jiġu identifikati appoġġ qawwi u feedback pożittiv kumplessiv dwar il-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti. Barra minn hekk, il-konsultazzjonijiet urew ħtieġa prattika, u appoġġ mill-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati, għal miżuri addizzjonali fil-livell tal-UE.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Fl-2021 sar **studju legali**[25]. L-awturi tal-istudju kkonkludew kif ġej: (i) jeżistu lakuni u inkonsistenzi sinifikanti fil-protezzjoni transfruntiera tal-adulti (regoli dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent tas-setgħat ta' rappreżentanza, in-nuqqas ta' ċertezza legali u problemi prattiċi għall-awtoritajiet); (ii) ir-ratifika ġenerali tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti fl-UE tindirizza direttament xi wħud minn dawn il-problemi, kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll bejn l-Istati mhux tal-UE; u (iii) strument tal-UE jsaħħaħ ulterjorment il-protezzjoni tal-adulti vulnerabbli u jiffaċilita ħajjithom u l-ħidma tal-awtoritajiet responsabbli.

Fl-istudju li jakkumpanja r-Rapport dwar l-Inizjattiva Leġiżlattiva[26] (2016) tal-Parlament Ewropew u fir-Rapport tal-Istitut Ewropew tal-Liġi[27] (2020) inġabar ukoll għarfien espert addizzjonali dwar is-suġġett tal-protezzjoni transfruntiera tal-adulti.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Fl-2022 twettqet valutazzjoni tal-impatt biex jiġu mistħarrġa d-diversi opzjonijiet ta' politika disponibbli fl-UE biex tittejjeb il-protezzjoni transfruntiera tal-adulti u biex jiġi vvalutat l-impatt tagħhom.

Peress li din il-proposta tikkonċerna biss ir-ratifika tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti u l-adeżjoni magħha minn ċerti Stati Membri, spjegazzjoni aktar dettaljata tas-sejbiet tal-valutazzjoni tal-impatt se tingħata fil-proposta ta' akkumpanjament għal Regolament. Huwa xieraq li l-analiżi attwali tiġi limitata għall-indikazzjoni tal-għażla politika finali.

Dan jinkludi Regolament li jikkumplementa l-Konvenzjoni, u r-ratifika tal-Konvenzjoni u l-adeżjoni magħha minn dawk l-Istati Membri li għadhom mhumiex Parti għaliha. Dan jiżgura li r-regoli xierqa tad-Dritt Internazzjonali Privat għall-protezzjoni tal-adulti f'sitwazzjonijiet transfruntiera jkunu applikabbli mhux biss fil-livell tal-UE, iżda wkoll bejn l-Istati Membri u l-Istati mhux tal-UE. Huwa mistenni wkoll li r-ratifika mill-Istati Membri kollha tinkoraġġixxi aktar Stati mhux tal-UE biex jissieħbu fil-Konvenzjoni.

- **Drittijiet fundamentali**

L-objettiv ġenerali tal-azzjoni proposta huwa li jiġu protetti d-drittijiet fundamentali tal-adulti f'konformità mal-Artikolu 6 TFUE, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-UNCRPD.

---

25 Study on the cross-border legal protection of vulnerable adults in the Union, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni (europa.eu)

26 Protection of Vulnerable Adults – European Added Value Assessment

27 The Protection of Adults in International Situations, rapport tal-Istitut Ewropew tal-Liġi.

F'sitwazzjonijiet transfruntiera, dan ikun jinvolvi b'mod partikolari l-esproprjazzjoni jew iċ-ċaħda tal-aċċess għall-proprjetà tal-adult barra mill-pajjiż, l-iżgurar tal-aċċess għall-ġustizzja, u l-iżgurar tal-awtodeterminazzjoni u l-awtonomija tal-adulti.

Billi tarmonizza r-regoli tad-dritt internazzjonali privat, il-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti tgħaqqad sistemi legali differenti biex tiffaċilita, fl-ambitu tal-Konvenzjoni, ir-rispett nondiskriminatorju għad-drittijiet tal-adulti, il-protezzjoni tal-interessi tagħhom, u l-eżerċitar tal-kapaċità ġuridika tagħhom.

Il-preambolu tal-Konvenzjoni jirrifletti dawn il-valuri: jafferma li r-rispett kemm għad-dinjità kif ukoll għall-awtonomija tal-adult għandhom ikunu kunsiderazzjonijiet primarji. Dawn il-prijoritajiet huma stabbiliti wkoll fil-preambolu tal-UNCRPD.

Skont ir-regoli tal-Konvenzjoni, jekk miżura ta' protezzjoni tittieħed fi Stat Kontraenti wieħed minn awtorità kompetenti, dik il-miżura għandu jibqa' jkollha effett fi Stat Kontraenti ieħor, pereżempju jekk l-adult ifettillu jiċċaqlaq minn Stat Kontraenti għall-ieħor. Il-Konvenzjoni tinkludi wkoll salvagwardji li jippermettu li l-miżuri ma jiġux rikonoxxuti jew eżegwiti jekk, pereżempju, il-miżura tkun ittieħdet minn awtorità li l-ġuriżdizzjoni tagħha ma kinitx ibbażata fuq, jew skont waħda mir-raġunijiet previsti mill-Konvenzjoni jew jekk ir-rikonoxximent tal-miżura jkun imur kontra l-ordni pubbliku tal-Istat rikjest[28]. F'dan il-kuntest, in-nuqqas ta' konformità mad-drittijiet fundamentali tal-adult ikkonċernat mill-miżura jista' jiġġustifika r-rifjut tar-rikonoxximent.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Id-Deċiżjoni proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-Unjoni Ewropea.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Peress li l-proposta tikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' ċerti Stati Membri tal-Unjoni Ewropea biex jirratifikaw il-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti jew jaderixxu magħha, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħha huwa primarjament immirat għar-rispett minn dawk l-Istati Membri tal-perjodu ta' żmien biex jirratifikaw il-Konvenzjoni jew jaderixxu magħha, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Madankollu, ladarba l-Istati Membri kollha jkunu Parti għall-Konvenzjoni, huwa ppjanat li jitwettqu diversi azzjonijiet biex titqajjem kuxjenza dwar il-Konvenzjoni u biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tagħha. Barra minn hekk, se jiġu adottati pożizzjonijiet koordinati tal-UE bħala parti mit-tħejjija għal Kummissjonijiet Speċjali tal-ġejjieni dwar l-operat tal-Konvenzjoni; dan se jippermetti lill-UE twettaq monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan l-istrument mill-Istati Membri.

[28] Ara l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti għal lista ta' raġunijiet disponibbli għal awtorità kompetenti biex tirrifjuta, fuq bażi diskrezzjonali, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' miżura.

2023/0170 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## li tawtorizza lill-Istati Membri biex isiru jew jibqgħu partijiet, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, għall-Konvenzjoni tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(2) flimkien mal-Artikolu 218(6), il-punt (a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew[1],

Billi:

(1) L-Unjoni stabbiliet l-objettiv għaliha li toħloq, iżżomm u tiżviluppa spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali li fih il-moviment liberu tal-persuni u l-aċċess għall-ġustizzja jkunu żgurati.

(2) Sabiex tilħaq dan l-objettiv, l-Unjoni adottat għadd ta' atti leġiżlattivi fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li għandhom implikazzjonijiet transfruntiera. L-Unjoni hija wkoll Parti, minnha nnifisha jew permezz tal-Istati Membri tagħha li jaġixxu fl-interess tal-Unjoni, għal diversi Konvenzjonijiet internazzjonali fl-istess qasam.

(3) Madankollu, ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-materja tal-protezzjoni transfruntiera tal-adulti li, minħabba indeboliment jew insuffiċjenza tal-fakultajiet personali tagħhom, ma jkunux f'pożizzjoni li jipproteġu l-interessi tagħhom, jew li jaf ikunu jirrikjedu li l-appoġġ fl-eżerċitar tal-kapaċità ġuridika tagħhom provdut lilhom fi Stat Membru wieħed jissokta fl-Unjoni kollha.

(4) Jistgħu jfeġġu diversi diffikultajiet għall-adulti f'sitwazzjonijiet transfruntiera, inkluż meta dawn l-adulti jmorru jgħixu fi Stat Membru ieħor jew meta jkollhom proprjetà jew assi fi Stat Membru ieħor. Jistgħu jfeġġu diffikultajiet pereżempju meta miżuri meħuda fi Stat Membru wieħed bl-għan li jiġu protetti l-adulti, ikun hemm bżonn li jiġu invokati fi Stati Membri oħra, jew meta s-setgħat ta' rappreżentanza mogħtija mill-adulti li għandhom jiġu eżerċitati mir-rappreżentanti tagħhom meta l-adulti ma jkunux f'pożizzjoni li jipproteġu l-interessi tagħhom ikun bżonn li jiġu invokati suċċessivament barra mill-pajjiż. Dawn id-diffikultajiet jista' jkollhom konsegwenzi negattivi serji fuq iċ-ċertezza legali f'negozjati transfruntiera u fuq id-drittijiet u l-benesseri tal-adulti u fuq ir-rispett għad-dinjità tagħhom. B'mod partikolari, id-drittijiet fundamentali tal-adulti, bħall-aċċess għall-ġustizzja, id-dritt għall-awtodeterminazzjoni u għall-awtonomija, id-dritt għall-proprjetà u għall-moviment liberu, jistgħu jiġu affettwati b'mod negattiv.

[1] ĠU C , , p. .

(5) Għaldaqstant huma neċessarji regoli uniformi tad-dritt internazzjonali privat li jirregolaw sitwazzjonijiet transfruntiera biex itejbu l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-adulti b'indeboliment jew b'insuffiċjenza tal-kapaċitajiet personali tagħhom. Fil-livell internazzjonali, il-Konvenzjoni tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti ("il-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti") tinkludi tali regoli. Il-Konvenzjoni tipprevedi regoli dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' miżuri għall-protezzjoni ta' dawn l-adulti, dwar il-liġi applikabbli għas-setgħat ta' rappreżentanza u r-regoli dwar il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet tal-Partijiet Kontraenti tagħha.

(6) Skont il-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti, l-Istati sovrani biss jistgħu jkunu parti għaliha. Għal din ir-raġuni, l-Unjoni ma tistax tikkonkludi dik il-Konvenzjoni.

(7) Ir-ratifika tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti u l-adeżjoni magħha mill-Istati Membri kollha huwa objettiv li ilu sew fil-mira tal-Unjoni Ewropea.

(8) Sal-lum il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Franza, Ċipru, il-Latvja, Malta, l-Awstrija, il-Portugall u l-Finlandja huma Parti għall-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti. L-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Polonja ffirmawha biss.

(9) Fi [...], il-Kummissjoni ppreżentat proposta leġiżlattiva għal Regolament dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tal-miżuri, l-istrumenti awtentiċi u s-setgħat ta' rappreżentanza u kooperazzjoni fi kwistjonijiet ċivili relatati mal-protezzjoni tal-adulti (ir-"Regolament propost"). Il-proposta tipprevedi l-applikazzjoni ta' wħud mir-regoli tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti bejn l-Istati Membri u tistabbilixxi regoli komplementari sabiex tiffaċilita kooperazzjoni intra-UE saħansitra eqreb f'dan il-qasam. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament propost jissovrapponu l-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti u huma marbuta mill-qrib magħha.

(10) Għal din ir-raġuni, hemm riskju li l-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti jaf taffettwa jew tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament propost. Għalhekk, il-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti taqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(11) Għalhekk, jenħtieġ li l-Kunsill jawtorizza lill-Istati Membri li għadhom mhumiex partijiet għall-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti biex jiffirmaw jew jirratifikaw il-Konvenzjoni, jew jaderixxu magħha, fl-interess tal-Unjoni, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Jenħtieġ li l-Kunsill jawtorizza wkoll lill-Istati Membri li huma partijiet għall-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti biex jibqgħu partijiet għaliha.

(12) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma partijiet għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità ("UNCRPD").

(13) Skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-kompetenza li jiġu adottati regoli sostantivi u proċedurali fil-qasam tal-protezzjoni tal-adulti hija tal-Istati Membri. Bħala Partijiet kontraenti għall-UNCRPD, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jiżguraw li l-liġijiet sostantivi u proċedurali nazzjonali tagħhom dwar it-trattament tal-adulti jkunu konsistenti mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem ipprovduti mill-UNCRPD, inklużi l-miżuri ta' "tutela" u

"kurazija" kif ukoll l-inkapaċità kif imsemmija fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti.

(14) Ir-regoli tal-Konvenzjoni HCCH tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti jenħtieġ li jiġu applikati b'mod konsistenti mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem skont il-UNCRPD.

(15) Jenħtieġ li n-nuqqas ta' rispett ta' dan l-obbligu jaffettwa wkoll ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni mill-Istati Membri ta' miżuri meħuda minn pajjiżi terzi.

(16) [[F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.] JEW

(17) F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat [, b'ittra ta'…,] ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni

(18) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-Istati Membri biex isiru jew jibqgħu partijiet għall-Konvenzjoni tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti ("il-Konvenzjoni"), fl-interess tal-Unjoni, soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2.

2. It-test tal-Konvenzjoni huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-Bulgarija, [l-Irlanda], Spanja, il-Kroazja, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, u l-Iżvezja għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jiddepożitaw l-istrumenti tar-ratifika jew tal-adeżjoni tagħhom mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tar-Renju tan-Netherlands, li jaġixxi fil-kapaċità tiegħu bħala depożitarju tal-Konvenzjoni, mhux aktar tard minn [*24 xahar wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni*].

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*